



Check-list – Għajnuna legali (rikorsi diretti)

Settembru 2024

Dan id-dokument, imfejji mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, jinkludi indikazzjonijiet prattiċi li ma humiex eżawrjenti intiżi li jassistu lil kull persuna fiżika jew ġuridika, irrappreżentata minn avukat jew le, li tkun tixtieq titlob l-għajnuna legali sabiex tippreżenta rikors dirett¹ quddiem il-Qorti Ġenerali jew fil-kuntest ta' rikors dirett li hija tkun parti għaliha. Din il-persuna, bħar-rappreżentant tagħha, huma madankollu mistiedna jirreferu għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem ir-“RP”) u għad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem id-“DPI”), testi awtentiċi, għal kull informazzjoni dwar ir-regoli proċedurali, u għall-informazzjoni li tinsab fil-formola tal-għajnuna legali – rikorsi diretti.

¹ L-espressjoni “rikorsi diretti” hija ddefinita fl-Artikolu 1(2)(j) tar-Regoli tal-Proċedura bħala li tirreferi għar-“rikorsi kollha li jistgħu jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, ħlief għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari”.

INFORMAZZJONI ĠENERALI

- ☐ **Rappreżentanza:** b'differenza mir-rikors, li għandu jiġi ppreżentat minn avukat li jkun qiegħed jirrappreżenta lir-rikorrent/i, **it-talba għal għajnuna legali tista' titressaq kemm bl-assistenza ta' avukat u kemm mingħajrha.**

- ☐ **Prerekwiżiti:**

Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali

L-għajnuna legali ma tistax tingħata jekk il-Qorti Ġenerali manifestament ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tiegħu konjizzjoni tal-azzjoni li għaliha tintalab l-għajnuna.

B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjonijiet meħuda minn:

- **l-awtoritajiet nazzjonali** ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' pajjiż terz;
- **il-qrati nazzjonali;**
- **l-entitajiet internazzjonali** li ma jagħmlux parti mis-sistema istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, bħalma hija l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

Terminu għall-preżentata ta' rikors

L-għajnuna legali ma tistax tingħata jekk it-talba titressaq qabel ir-rikors li għalih tirreferi, iżda **wara l-iskadenza tat-terminu** għall-imsemmi **rikors**.

Bażi fid-dritt

L-għajnuna legali ma tistax tingħata jekk l-azzjoni li għaliha tintalab l-għajnuna tkun tidher **manifestament inammissibbli jew infondata fid-dritt**.

- ☐ **Sitwazzjoni ekonomika:** Il-persuna li tressaq it-talba għal għajnuna legali għandha turi li hija ma tistax tħallas l-ispejjeż tal-istanza, parzjalment jew totalment, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tagħha, filwaqt li tqis id-dħul, il-kapital u l-ispejjeż kollha.

FORMOLA TAL-GĦAJNUNA LEGALI

- ☐ **Formola tal-għajnuna legali obligatorja: talba** għal għajnuna legali mressqa kemm qabel il-preżentata ta' rikors kif ukoll sakemm dan ikun pendent **mingħajr il-formola ma titteħidx inkunsiderazzjoni.**
- ☐ **Informazzjoni u dettalji: l-informazzjoni kollha neċessarja għandha tiġi inkluża fil-formola.** It-talba għal għajnuna legali ma tistax tiġi kkompletata bil-preżentata sussegwenti ta' addenda.
- ☐ **Dokumenti ta' sostenn:** il-formola tal-għajnuna legali għandha jkollha magħha l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn kollha li jippermettu li tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li tressaq it-talba u intiżi sabiex isostnu r-rikors maħsub.

PREŻENTATA TAL-FORMOLA TAL-GĦAJNUNA LEGALI

- ☐ **Mill-persuna li tressaq it-talba stess:**

Il-persuna li tressaq it-talba għal għajnuna legali mhux irrappreżentata minn avukat għandha tibgħat jew tippreżenta **l-verżjoni stampata tal-formola debitament mimlija u ffirmata, kif ukoll id-dokumenti ta' sostenn imsemmija fiha**, fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

Il-formola għandha tiġi **ffirmata bl-idejn mill-persuna li tressaq it-talba.**
- ☐ **Mill-avukat tal-persuna li tressaq it-talba:**

Il-formola għandha tiġi ppreżentata permezz tal-applikazzjoni **e-Curia.**

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- ☐ **L-oriġinali** tad-dokumenti ta' sostenn ippreżentati ma humiex ser jingħataw lura. Huwa rrakkomandat li jiġu ppreżentati kopji tad-dokumenti inkwistjoni.
- ☐ **Jekk il-persuna li tressaq it-talba tippreżenta talba oħra mill-ġdid mingħajr ma din tkun ibbażata fuq elementi ġodda, it-talba ma hijiex rreġistrata.**

Għaldaqstant, it-**terminu għall-preżentata ta' rikors** ma jiddekorrix matul il-perijodu li fih il-Qorti Ġenerali tkun qiegħda teżamina t-talba għal għajnuna legali. Dan it-terminu jerġa' jibda wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fuq it-talba.